MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1368/2003

HSBC Bank Malta p.l.c.
vs
Joseph Cutajar

Il-Qorti,

**CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-bank attur li biha ppremetta:

1. Peress illi l-konvenut huwa debitur lejn is-socjeta` attrici fl-ammont globali ta' hamest elef, sitt mija u sittax-il lira Maltija u sitta u erbghin centezmu (Lm5,616.46) dovut bil-mod segwenti:

(a) Erbat elef seba' mija u zewg liri Maltija u wiehed u tletin centezmu (Lm4702.31) dovut bhala bilanc ta' somma akbar mislufa lill-konvenut mis-socjeta` attrici u dana kif irrizulta mid-dokument "A" li gie prezentat mac-citazzjoni.

(b) Disa’ mija u erbatax-il lira Maltija u hmistax-il centezmu (Lm914.15) dovut bhala imghaxijiet kalkolati bit-tmienja fil-mija (8%) fuq l-ahhar imsemmi ammont sat-3 ta’ Ottubru 2003 kif irrizulta ahjar mid-Dokument “B”.

2. Peress illi ghalkemm gie debitament interpellat sabiex ihallas l-ammont fuq imsemmi, il-konvenut baqa’ inadempjenti u peress illi jezistu l-elementi kontemplati fl-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta ghall-ezenzjoni mis-smiegh billi d-debiti fuq imsemmija huma certi, likwidi, dovuti u skaduti, kif irrizulta mill-affidavit Dokument “C”.

Il-bank attur talab lill-Qorti, u bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12, tikkundannah lill-konvenut:

1. Ihallas lill-attur nomine s-somma ta’ hamest elef sitt mija u sittax-il lira Maltija u sitta u erbghin centezmu (LM5,616.46) bl-imghaxijiet ulterjuri mit-3 ta’ Ottubru 2003 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-28 ta’ April 2003 kontra l-konvenut li gie mharrek ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-bank attur.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**PROVI:**

Semghet lill-P.L. Adrian Borg bil-gurament li xehed li l-kariga tieghu hija ta’ Prokuratur Legali fl-Ufficcju Legali tal-HSBC. Qal li minn dak in-nhar li giet prezentata c-citazzjoni ma sar l-ebda pagament akkont u l-bilanc baqa’ l-istess.

**KONKLUZJONIJIET:**

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqa’ kontumaci.

Semghet l-avukat tal-Bank attur.

Rat li fis-seduta tal-lum meta l-konvenut gie msejjah tliet darbiet, ma deherx.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata, u hemm lok li s-sentenza tinghata llum stess, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Tilqa’ t-talba tal-bank attur kif dedotta fic-citazzjoni u ghalhekk tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-bank attur nomine s-somma ta’ hamest elef sitt mija u sittax-il lira Maltija u sitta u erbghin centezmu (LM5,616.46) bl-imghaxijiet ulterjuri mit-3 ta’ Ottubru 2003 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-28 ta’ April 2003.

Spejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------